**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM L-1 TA' APRIL 2021**

**Fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 435/2021**

**Fl-ismijiet:-**

**Saviour Portelli u Alexandra sive Sandra Portelli**

**vs.**

**Infrastructure Malta**

**u**

**Ministry for Transport, Infrastructure & Capital Projects**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Savour Portelli et. tat-23 ta’ Marzu 2021 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jitolbu lill-Qorti tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimati sabiex iżżomm lilhom jew nies minnhom inkarigati milli jagħmlu “kwalunkwe xogħolijiet ta’ skavar, twaqqieħ u kostruzzjoni fuq proprjeta’ tal-esponenti ossia 2843 metri kwadri ekwivalenti ghal 2.53 tumoli ta’ art li tinsab fi Triq Għexieren, Rabat, Malta............liema xogholijiet ser isiru b’invazjoni tal-art u tat-tgawdija tal-proprjeta’ tar-rikorrenti.”

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta’ Marzu 2021 li permezz tiegħu laqgħet provvizorjament ir-rikors u appuntatu għas-smiegh.

Rat ir-risposta tal-Agenzija għall-Infrastruttura Malta tal-25 ta’ Marzu 2021 li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għal dan ir-rikors.

Rat ir-risposta tal-Ministeru intimat tas-26 ta’ Marzu 2021 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi għal dan ir-rikors.

Semgħat ix-xhieda u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta’ Marzu 201;

Rat l-atti;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet kamerali;

Ikkonsidrat;

L-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni huma llum paċifiċi.

**Artikolu 873 tal-Kap.12** jipprovdi illi l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm lil xi ħadd milli jagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat. Fl-istess ħin dan l-artikolu jipprovdi illi l-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet. Fir-rigward ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, tali mandat m'għandux jinħareġ kemm-il darba dik l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir. Rekwiżit ieħor fejn si tratta ta' enti pubblika hu illi l-Qorti m'għandiex toħroġ tali mandat jekk ma jirriżultax illi l-preġudizzju li jinħoloq lil min jitlob il-mandat ikun sproporzjonat "meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."

Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2021 saret id-dikjarazzjoni għan-nom tal-Agenzija Infrastructure Malta ai termini tal-Artikolu 873 (3) tal-Kap 12; iżda ma saritx fir-rigward tal-Ministeru intimat in kwantu l-legali tal-Ministeru iddikjarat illi ma kienx preżenti uffiċjal tal-Ministeru sabiex jagħmel tali dikjarazzjoni inkwantu l-Ministeru intimat qed jeċċepixxi illi l-Ministeru ma hux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti qed tqis id-dikjarazzjoni magħmula għan-nom tal-aġenzija intimata bħala li tiswa wkoll fir-rigward tal-Ministeru intimat tenut kont illi kif ser naraw ix-xogħolijiet mertu ta' dawn il-proċeduri jifforma parti minn proġett akbar li qed jiġi eżegwit mill-aġenzija intimata bis-saħħa ta' permess maħruġ fuq talba tal-Ministeru intimat.

**Eċċezzjoni Preliminari**.

Fir-risposta tiegħu il-Ministeru intimat jeċċepixxi illi ma hux il-leġittimu kontradittur "għaliex il-Ministeru mhuwiex qed jesegwixxi xogħolijiet fi Triq Għeriexem, fir-Rabat.".

Jeħtieġ qabel xejn jiġi puntwaliżżat illi f'dawn il-proċeduri mhux ser jiġi deċiż jekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati humiex fondati. Tali kompitu

jispetta lill-Qorti li tipresjedi l-kawża fil-mertu jekk u meta r-rikorrenti jiddeċiedu li jipproċedu ulterjorment.

Meta l-Ministeru intimat qed jeċċepixxi li ma hux il-leġittimu kontradittur, tali eċċezzjoni jeħtieġ li tiġi kkonsidrata fil-qafas ta' proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u mhux fil-qafas ta' kawża fil-mertu.

Id-domanda li tinħtieġ risposta għar-riżoluzzjoni ta' din l-eċċezzjoni hi s-segwenti: Il-Ministeru intimat huwa prima facie leġittimu kontradittur fil-pretensjonijiet tar-rikorrenti?

Il-provi fir-rigward huma skarsi proprju għaliex f'dawn il-proċeduri mhux mistenni li l-Qorti tindaga u tiddeċiedi aspetti tal-vertenza li l-lok tad-dibattitu tagħhom huwa f'kawża fil-mertu. Anke f'kawża fil-mertu ħafna drabi jkun għaqli li tali eċċezzjonijiet dwar il-leġittimazzjoni tal-konvenuti tiġi deċiża mas-sentenza finali fil-mertu tenut kont illi ħafna drabi jkun għadu prematur li tali eċċezzjoni tiġi deċiża meta kawża fil-mertu tkun għadha fl-istadju inizjali tagħha. *Multo magis* jekk si tratta ta' proċedura sommarja bħalma hi dik odjerna.

Huwa minnu illi mill-atti jirriżulta illi x-xogħlijiet fi Triq Għeriexem, Rabat, Malta, qed isiru mill-Aġenzija Infrastruture Malta anke għaliex fis-sena 2018 ġie promulgat l-**Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (Kapitolu 588 tal-Liġijiet ta' Malta)** li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Settembru 2018[1] liema liġi tat lill-Aġenzija għal Infrastruttura Malta setgħat wiesgħa u esklussivi fir-rigard tat-toroq f'Malta u l-kostruzzjoni tagħhom.

Pero' huwa daqstant ieħor minnu illi l-proġett ta' twessiegħ ta' Triq Għeriexem fir-Rabat qed isir in forza ta' permess maħruġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar fuq talba tal-Ministeru intimat.

Sa hawn tista' l-Qorti tikkonstata, tenut kont illi f'dawn il-proċeduri l-provi mressqa jinżammu fil-minimu. Pero' l-fatt illi l-proġett ta' rikostruzzjoni u twessiegħ ta' Triq

[1] Ara Avviżi Legali nri. 290/18 u 309/18.

Għeriexem qed isir bis-saħħa ta' permess maħruġ fuq talba tal-Ministeru intimat, abbinat mal-fatt illi l-aġenzija li materjalment qed teżegwixxi x-xogħolijiet taqa' fid-dikasteru tal-Ministeru intimat, hija prova biżżejjed f'dawn il-proċeduri sommarji sabiex il-Qorti tqis lill-Ministeru intimat bħala prima facie leġittimu kontradittur.

Għalhekk fuq livell ta' prima facie ma jirriżultax illi l-Ministeru intimat ma hux leġittimu kontradittur fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u konsegwentement l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' leġittimazzjoni f'dawn il-proċeduri qed tiġi respinta.

**Rekwiżiti għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.**

Hija ġurisprudenza imsejsa solidament fuq il-liġi applikabbli illi sabiex il-Qorti tilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tax-xorta kif mitlub mir-rikorrenti kontra awtorita' pubblika jeħtieġ li jiġu sodisfatti sew ir-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi applikabbli meta l-mandat jintalab li jinħareġ kontra awtorita' pubblika bħal ma hu l-każ odjern.

In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet "**Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A.) et**." (Rik. Inib. 1066/20JRM) mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Settembru 2020 fejn ġew elaborati eżawrjentement ir-rekwiżiti sew ġenerali kif ukoll dawk partikolari applikabbli fi proċeduri kontra enti pubblika għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħalma hu dak odjern. Timmerita li tiġi ċitata b'mod estensiv:-

"Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lillparti li titlob il-ħruġ ta' dak il-Mandat8 ;

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa

oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant . Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda;

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun

sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

[…]

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Tagħraf ukoll li jrid ikun jedd li jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b'reqqa ta' provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;"

Ikkunsidrat;

Jeħtieġ qabel xejn jiġi identifikat il-jedd prima facie li r-rikorrenti qed jippretendu li għandhom qabel ma jiġi indagat jekk tali jekk prima facie jekk jirriżulta jeħtieġx fit-termini tal-liġi il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex tali jedd jiġi protett pendenti l-eżitu ta' kawża eventwali fil-mertu.

Jirriżulta' prima facie li r-rikorrenti huma s-sidien ta' porzjon art agrikola ta' kejl ta' circa 2,847 metri kwadri biswit Triq Gheriexem, ir-Rabat, Malta, fejn l-intimata l-Agenzija Infrastructure Malta kienet u għadha għaddejja bil-rikostruzzjoni tat-Triq Għeriexem. Dan il-proġett jaf il-bidu tiegħu fis-sena 2018 meta l-Ministeru intimat applika u ottjena il-permessi meħtieġa mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar. Sas-sena 2020 ix-xogħlijiet ma kienux bdew anke għaliex kien għaddej xogħol fi triq arterjali oħra li mir-Rabat tagħti għal Had-Dingli u għalhekk jidher illi ix-xogħol fuq Triq Għeriexem ma setax jinbeda qabel jitlesta ix-xogħol fit-triq arterjali l-oħra u tinfetah għat-traffiku.

Jirriżulta illi apparti l-otteniment tal-permess tal-iżvilupp, saru wkoll il-proċeduri neċessarji sabiex tiġi esproprjata l-art li kien meħtieġ sabiex Triq Għeriexem tiġi rikostruwita differenti minn kif kienet kostruwita antikament. Dan kien jinkludi it-teħid ta' estensjoni ta' art kontigwa għal Triq Għeriexem inkluż parti mill-art fuq imsemmija proprjeta' tar-rikorrenti. Jidher li sa hawn ma kien hemm l-ebda disgwid bejn ir-rikorrenti u l-awtoritajiet pubbliċi.

Ġara iżda illi fit-tieni nofs tas-sena 2020 żviluppaw ħsarat estensivi u gravi fi Triq Għeriexem u f'diversi binjiet residenzjali fl-istess triq li irrikjedew interventi urġenti li dwarhom l-aġenzija intimata avżat lill-Awtorita' tal-Ippjanar b'ittra tal-20 ta' Lulju 2020.

Fl-ittra l-Aġenzija Infrastructure Malta avżat lill-Awtorita' tal-Ippjanar illi:-

"…. Works will start imminently at the location in caption (ie. Għeriexem Road, Rabat). This in terms of Cap. 552, Art 70 (2) (d) referring to emergency works in relation to public safety carried out by Government.

The current road has been in existence for a very long time, and is mostly supported by a gravity retaining wall that is considered inadequagte by modern standards. The nature of the terrain is considered fragile and easily disturbed. Geotechnical studies determined that the rock is fractured and of weak strength. Some of the buildings in the same road are already in a precarious state, having been damaged by subsidence and differential settlement.

[…]

Considering the type of material and situation on site, the current obtaining situation is creating a serious danger to the public and hence works have to proceed immediately to render the site safe of the public. Inaction or prolonging taking the necessary measures, resulting in delaying any action on site may have grave consequences not only on the road but also on the abutting buildings."

L-aġenzija intimata regħet kitbet lill-Awtorita' tal-Ippjanar fuq is-suġġett permezz ta' ittra tad-19 ta' Awissu 2020.

F'dik l-ittra jingħad illi "I M (Infrastructure Malta) is proposing to come forth with a layout that differs from the approved PA plans to seek the possibility of eliminating the high risk of imminent road and structural collapse. Inaction or proloning of taking

the necessary measures, resulting in delaying any action on site, may have grave consequences not only on the road but also on the abutting buildings."

Ġie spjegat mix-xhud il-Perit Corinne Dimech, il-perit tal-proġett li xehdet fis-seduta miżmuma mill-Qorti, illi minħabba l-entita' tal-ħsarat kif ukoll minħabba is-sejbien ta' sit arkeoloġiku f'parti viċin l-art tar-rikorrenti, kien meħtieġ illi isiru modifiki għal lineament tat-triq minn kif kienet proġettata fil-permess tal-2018 b'dan illi kien meħtieġ li tittieħed aktar art tar-rikorrenti. Ġew eżebiti pjanti illi juru iż-żieda fil-konsistenza tal-art li kien meħtieġ li tittieħed inkluż dik tar-rikorrenti minħabba dawn il-modifiki.

Ix-xogħolijiet li kienu meħtieġa ġew notifikati fil-Gazzetta tal-Gvern f'Settembru 2020 u fl-istess żmien bdew jiġu eżegwiti.

L-aġenzija intimata iddikjarat fir-risposta tagħha illi bdiet ukoll proċessi ġodda mal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex isir l-akkwist meħieġ b'riżultat ta' dawn l-aħħar żviluppi li ma kienux prospettati meta sar l-esproprju relattiv għax-xogħolijiet kif approvati mill-permess tas-sena 2018.

Min-naħa tagħhom ir-rikorrenti jikkontendu illi bix-xogħolijiet li qed isiru 'il barra minn dak approvat bil-permess numru PA/04647/18 ".... l-istess rikorrenti se jsofru pregudizzju irrimedjabbli u jekk l-intimati ma jigux inibit milli jaghmlu x-xogholijet li ma humiex skond il-permess approvat mill-PA, il-hsara ser tkun wahda rreparabbli.." Ir-rikorrenti jikkontendu wkoll illi dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex iżomm lill-intimati milli jwessgħu il-bankina minn dak approvat bil-permess imsemmi peress li dan ser iwassal "... ghal telf ta' art agrikola u fertili u ta' hsara irreparabbli."

**L-Eċċeżżjoni Preliminari tal-Aġenzija Infrastruttura Malta**.

In via preliminari l-aġenzija intimata qed teċċepixxi illi x-xogħolijiet li r-rikorrenti qed jittentaw iwaqqfu ilhom għaddejjin ix-xhur u jinsabu fl-istadju finali tagħhom.

Din l-eċċezzjoni jeħtieġ li tiġi trattata u deċiża qabel kull ħaġa oħra għaliex jekk jirriżulta li hi fondata allura ma jkunx meħtieġ li jigu ikkonsidrati ir-rekwiżiti l-oħra kollha għall-ħruġ tal-mandat.

L-aġenzija intimata resqet bħala xhud lill-perit tal-proġett, il-Perit Corinne Dimech fejn spjegat sew l-entitata tal-emerġenza li irrikjediet interventi urġenti għall-protezzjoni sew tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għall-istabilita' tad-diversi binjiet li żviluppawlhom ħsarat estensivi skond ma jidher minn diversi ritratti eżebiti. Il-Perit Dimech spjegat illi x-xogħolijiet jinsabu fi stadju avvanzat ħafna u li jekk dak li jonqos jinżamm milli jsir ser joħloq problemi sew f'dik li hi struttura kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tas-sit arkeoloġiku skopert waqt ix-xogħoijiet.

Anke l-istess rikorrenti eżebew fuq cd diversi ritratti u filmati li juru illi x-xogħlijiet jinsabu fi stadju avvanzat ħafna, inkluż l-estensjoni fil-wiesgħa tat-triq minn dik kif kienet oriġinarjament ippjanata. Ir-rikorrenti ma taw l-ebda spjegazzjoni għaliex kien issa li tħarrku, meta x-xogħol ilu għaddej ix-xhur u kien jidher ċar illi it-triq qed tiġi kostruwita ferm aktar wiesgħa minn dik oriġinarjament proġettata.

Mir-ritratti u l-pjanti eżebiti mill-istess rikorrenti jirriżulta illi l-art tagħhom tikkonfina ma' Triq Għeriexem f'tul ta' circa mitt (100) metru filwaqt illi it-twessiegħ tat-triq diġa lest fil-maġġorparti ta' dik id-distanza. Baqa' biss parti zgħira ta' ftit għexieren ta' metri li wkoll hija ġia okkupata bl-armar kollu neċessarju sabiex jilqa' għall-materjal tal-kostruzzjoni li qed jintuża.

Huwa evidenti anke mad-daqqa t'għajn lejn ir-ritratti u l-filmati eżebiti mill-istess rikorrenti illi x-xogħolijiet qed jaslu fi tmiemhom u li dawn ix-xogħlijiet jesporġu fuq l-art tar-rikorrenti f'estensjoni aktar wiesgħa minn dik oriġinarjament proġettata. Jirriżulta illi l-aġenzija intimata ilha x-xhur li daħlet fuq l-art tal-intimati sabiex teżegwixxi x-xogħolijiet għall-kostruzzjoni tat-triq skond l-aħħar pjanti bil-wiesgħa estiż minn dak kopert bil-permess.

L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni huwa li jwaqqaf lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa, u mhux li jġiegħel lil xi ħadd jagħmel xi ħaga. Peress illi rriżulta sodisfaċentement li

dak li r-rikorrenti talbu li jitwaqqaf milli jsir, fil-fatt seħħ fil-maġġorparti tiegħu qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni, il-mandat mitlub ma jistax jinħareġ.

Anke għaliex huwa mill-aktar evidenti illi jekk ix-xogħolijiet kellhom jitwaqqfu f'dan l-istadju avvanzat tagħhom, potenzjalment jinħoloq perikolu ieħor. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-**artikolu 873 (3) tal-Kap. 12** li jipprovdi illi :-

"(3) il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba …….. l-qorti tkun sodisfatta,wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemiltal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."

Il-fatt illi l-art li dwarha qed jilmentaw ir-rikorrenti llum tinsab ġia okkupata bix-xogħolijiet li dwarhom qed jillamentaw jirrendi t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħala waħda manisfestament tardiva. Prattikament ma hemm f'dan l-istadju kważi xejn x'jitwaqqaf. Għalhekk anke jekk għas-saħħa tal-argument ir-rikorrenti għandhom raġun fil-kwistjoni dwar il-mertu, l-inerzja tagħhom għal numru ta' xhur meta x-xogħolijiet kienu għaddejjin inkluż fuq l-art tagħhom irrenda dawn il-proċeduri tardivi u inapplikabbli għaliex il-Qorti ma tistax tordna li ma jsirx dak li diġa seħħ.

Fl-istess ħin huwa opportun jiġi preċiżat illi b'dan appena konstatat u dikjarat, il-Qorti ma hi tagħmel l-ebda ġudizzju dwar jekk l-intimati jew min minnhom aġixxewx entro l-parametri tal-liġi u/jew bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti. Dik hija materja illi tkun tista' tiġi deċiża f'kawża fil-mertu jekk ir-rikorrenti jipproċedu ulterjorment fuq il-pretest li l-intimati aġixxew bi ksur tad-dritjtjiet tagħhom. Qed jibqa' għalhekk impreġudikat kwalunkwe pretensjoni tar-rikorrenti fir-rigward stante li ċ-ċaħda ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bl-ebda mod m'għandu jinftiehem li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati bħalma daqstant ieħor l-akkoljiment ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jfissirx illi min talab b'suċċess tali mandat ser ikollu suċċess fil-kawża eventwali fil-mertu.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi kif ġej:-

1. **Tiċħad l-eċċezzjoni** dwar il-karenza ta' leġittimazzjoni sollevata mill-Ministeru intimat;

2. **Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat minnhom mitlub peress li r-rikors ġie ppreżentat meta l-maġġorparti tax-xogħlijiet li qed jitolbu li jitwaqqfu fuq ħwejjijghom ġia ġew eżegwiti minn qabel ma r-rikorrenti intavolaw dawn il-proċeduri; kif ukoll għar-raġuni illi fl-istadju avvanzat li fih waslu x-xogħolijiet ma jirriżultax id-dannu sproporzjonat ai termini tal-arikolu 873 (3) tal-Kap. 12.

3. **Tirrevoka *contrario imperio*** d-digriet tagħha tat-23 ta' Marzu 2021 safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju;

4. **Bl-ispejjeż** kontra r-rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, l-1 ta' April 2021.

**Onor. Robert G. Mangion, LL.D.**
**Imħallef**